MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru. 269/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**Mario Campolo ta’ 40 sena, bin Gaetano u Rosaria nee` Luca, imwieled Catania, l-Italja fil-11/08/1973, residenti 48C, Sqaq Brittaniku, Nru 1, Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 17382A**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar il-05 ta' Marzu 2012 f'xi hin bejn it-0800hrs u 1200hrs flimkien ma persuni ohra f'dawn il-gzejjer:

1 Ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom gojjellerija ta' valur li jeccedi €2329.37 minn gewwa residenza 'Merkabah', Triq l-Ghassies, Marsaskala liema serq huwa kwalifikat bil-Vjolenza, Mezz, bil-Valur li jeccedi €2329.37 u bil-lok ghad-detriment ta' Gordon Harvey u/jew persuni ohra.

2 U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwstati b'reat, u/jew xjentementb'kull mod sabiex ibiegghom jew imexxihom;

3 U aktar talli b'hekk ikkommetta delitt punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Antonio G. Vella LL.D. nhar l-20 ta' Novembru 2011 liema sentenzi saret definittiva w ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti ghandha tittratta mal-imputat bhala li rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tal-Avukat General tat-22 ta’ Frar, 2013;

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jirtiraw it-tielet akkuza billi din ghaddiet in gudikat;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, izda l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat huwa recidiv.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(b)(2), 264(1), 266, 267, 269(g), 276, 277, 278, 279(b), 280, 281, 334(a), 17(h), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta’ erba mija u wiehed u erbghin euro u wiehed u disghin centezmu bhala spejjez

peritali, liema spejjez peritali jistghu jithallsu b’rati mensili ta’ ghoxrin euro (€20) kull wiehed bl-ewwel pagament mhux aktar tard mill-ahhar ta’ April, 2014.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------